**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1048/97

Gerard Clarke

vs

Telemalta Corporation u Maltacom plc bhala successur tal-istess skond digriet tad-19 ta' Jannar 2000

Illum 14 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta

1. Illi huwa kien impjegat mal-Korporazzjoni ntimata.

2. Illi huwa hass ruhu aggravat minn diversi ngustizzji li kien sofra fil-kors ta' l-impieg tieghu u ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni kontra l-Ingustizzji, relativament ghall-promotions li kienu lilu dovuti u ma nghatawlux.

3. Illi b'ittra tat-12 ta' Ottubru 1992, huwa gie nfurmat illi l-ilment imressaq minnu kien gustifikat. Dik il-Kummissjoni astjeniet milli taghti xi rimedju billi l-Korporazzjoni ntimata kienet iddikjarat illi ga rrimedjat spontanjament billi taghtu "l-hatra li kien jixraqlu b'kundizzjonijiet aktar vantagguzi, fosthom accelerated increments".

4. Illi dan mhux minnu, billi l-promotion tar-rikorrent maghmula mill-Korporazzjoni ntimata ggib biss id-data tad-**9 ta' Gunju 1992,** li ma ghandha ebda relazzjoni mad-data reali ta' meta suppost ir-rikorrent ha l-promotion.

5. Il-fissazzjoni ta' din id-data **arbitrarja** affettwat lir-rikorrent b'mod mill-aktar avvers, billi l-pensjoni tieghu giet allura kalkolata fuq is-salarju tal-ahhar tlett snin ta' servizz jigifieri 1992, 1993 u 1994.

6. Bil-fissazzjoni tad-data arbitrarju tad-9 ta' Gunju 1992, il-Korporazzjoni ziedet ingustizzja ohra, li tibqa' riflessa ghal dejjem fil-pensjoni tieghu, u ta' l-armla tieghu jekk tissopravvivi lir-rikorrent.

7. Illi c-Chairman tal-Korporazzjoni kien impenja ruhu bil-miktub (I will keep my pledge) biex jirrimedja ghall-ingustizzja li sofra r-rikorrent, imma dan ma sehhx.

8. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu x-xhieda msemmija fl-elenku anness li jindika dak li r-rikorrent irid jipprova b'kull xhud.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-promotion tar-rikorrent iggib id-data tal-1 ta' Ottubru 1986 u li l-kalkolu tal-pensjoni tar-rikorrent isir a bazi ta' din id-data, u li jinghata kumpens fl-ammont ta' Lm5,000. Bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:

1. Illi l-Korporazzjoni tichad li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

2. Illi dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors kif jipprovdi l-artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi r-rikorrent kien diga` ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u din wara li sabet li l-ilment kien gustifikat, ikkonkludiet li peress li r-rikorrent kien inghata promozzjoni b'accellerated increments dan kien rimedju adegwat. Effettivament il-predecessur tar-rikorrent

kellu grad ta' flok PO IIIA. Ir-rikorrent minflok PO IIIA gie mahtur PO III b'accellerated increments b'mod li lahaq l-oghla skala tas-salarju qabel irtira u ghalhekk huwa kellu penzjoni ahjar mhux kif qed jallega fir-rikors.

3. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata illi dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors kif jipprovdi l-artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi r-rikorrent kien diga` ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u din wara li sabet li l-ilment kien gustifikat, ikkonkludiet li peress li r-rikorrent kien inghata promozzjoni b'accellerated increments dan kien rimedju adegwat.

Fil-kawza "Joseph Fiorentino vs Malta Information Technology Training Services Limited" deciza fit-12 ta' Lulju, 1999 dan it-Tribunal qal:

"Issa l-artikolu relevanti ta' l-Att VIII tal-1997 huwa l-artikolu 6 (2) li jghid:
"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti" u fit-text ingliz:
"Notwithstanding the provisions of subsection (1) of this section, the tribunal shall decline to exercise its powers under this section in any case where a complaint thereon has been investigated by the Commission set up under the Investigation of Injustices Act or action has been taken on the matter before a court of law."

Il-Collins New National Dictionary jiddefinixxi l-kelma "investigate" bhala "to inquire into to examine thoroughly" waqt li l-kelma "investigation" hija definita bhala "thorough enquiry in order to bring out the facts". Dan jaghmilha cara li t-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu mhux biss jekk isir l-ilment quddiem il-Kummissjoni, izda fejn dan ikun gie investigat. Ghalhekk decizzjoni tal-Kummissjoni li ma tiehux konjizzjoni ta' ilment minhabba li hu preskritt mhux kaz ta' ilment investigat. Ara wkoll John Barbara vs Air Malta Company Limited deciza fil-21 ta' Mejju, 1998. [Ara identiku ghal kaz ta' Barbara il-kaz ta' Victoria Mifsud Tommasi vs Air Malta fejn il-Kummissjoni

astjeniet minhabba li r-rikorrent kellha rimedju iehor li fil-fatt uzufruwixxiet minnu.]

Issa fil-kaz in ezami jidher car li r-rikorrent kellu l-kaz investigat mill-Kummissjoni. Hu kiteb dwar l-istess kaz. Tant investigat il-kaz li permezz ta' ittra tat-12 ta' Ottubru, 1992 infurmat lir-rikorrent li l-ilment tieghu hu gustifikat u ziedet:

"F'dan il-kaz il-Kummissjoni ma ghamlet ebda rakkomandazzjoni peress li rrizultalha li nel frattemp il-Korporazzjoni irrimedjat ghall-ingustizzja minnek sofferta billi tatek il-hatra li kien jixraqlek b'kundizzjonijiet aktar vantagguzi, fisthom 'accelerated increments'."

Il-fatt li skond ir-rikorrent hu qatt ma gie imsejjah quddiem il-Kummissjoni huwa ghal kollox irrilevanti ghax il-ligi torbot lit-Tribunal li anke jekk ghall-grazzja tal-argument jaqbel mall-fatti kif esposti mir-rikorrent ma jistax hlief li ma jaccettax li jezercita s-setghat tieghu una volta l-kaz gie investigat mill-Kummissjoni. L-uniku kaz fejn it-Tribunal jista' jidhol wara li kaz ikun ezaminat mill-Kummissjoni hu fejn id-decizzjoni tal-Kummissjoni ma tkunx giet implimentata – b'dan il-fatt possibilment ikun il-kaz li tkun giet kommessa ingustizzja gdida – in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-decizzjoni tal-Kummissjoni.

Gie ritenut diversi drabi li t-Tribunal mhux xi Qorti tal-Appell mill-Kummissjoni [ Ara Dr Charles Savona Ventura vs

Dipartiment tas-Sahha et 13/10/99]. Inoltre l-artikolu 5 (3) (a) tal-Att VIII tal-1997 jghid:

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fost dawk li insibu elenkati fl-ewwel skeda hemm:

Il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ghal dan il-motiv ukoll it-Tribunal hu prekluz milli jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.